# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 19 ta' Settembru 2001**

**Avviz. numru 154/95**

**Numru 28**

**Philip Micallef bhala direttur f'isem is-socjeta Magnum Limited**

**vs**

**Bryan Gera u Louis A Farrugia bhala diretturi f'isem is-socjeta Simonds Farsons Cisk Limited u Carmel Scerri**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur nomine talab sabiex il-konvenuti nomine jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jigu kundannati li jhallsu lill-istess attur nomine s-somma ta' mija u erbgha u sebghin Lira (Lm174) bilanc ta' somma akbar, danni li sofra l-attur nomine f'incident awtomobilistiku li gara fix-Xatt ta' Pinto fid-disgha ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u disghin (9/12/1993) bi htija tal-konvenuti u li ghalih il-konvenuti ga accettaw r-responsabilta.

Bl-imghaxijiet legali u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorji tal-20 ta' Frar 1994, 16 ta' Gunju 1994, 1 ta' Lulju 1994 u 19 ta' Awissu 1994.

Il-konvenuti gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti nomine (fol 10 tal-atti) li biha eccepew:

1. Illi la huma, u lanqas id-ditta rappresentata minnhom ma kienu nvoluti f'xi incident stradali msemmija fl-avviz premess, u lanqas dan gara bi htija taghhom u lanqas accettaw (la setghu jaccettaw) xi responsabilta.

   Ghalhekk it-talbiet attrici in kwantu diretti lejhom fil-kwalita premessa ma jistghux ireggu u ghandhom jigu mehlusa minn kull responsablita.

2. Bla pregudizzju ghas-suespost is-survey report kien jghid car u tond li min kien qed isewwi kien intitolat biss ghal gurnata wahda bhala 'loss of use'.

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat li l-konvenut Carmel Scerri ma ikkontestax it-talba attrici.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi id-digrieti tas-27 ta' Marzu 1995 u tat-13 ta' Frar 1996 (fol 12 u fol 23 tal-atti) u dan in konnessjoni ma nomina u sostituzzjoni ta' Perit Legali f'dawn il-proceduri.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dottor Pierre Lofaro LL.D. a fol 61 et seq tal-atti kif citat l-atti relattivi minn fol 35 et seq ibid.

Rat ir-rispettivi noti tal-partijiet.

Ikkunsidrat

Illi, hawnhekk ghandu jinghad is-segwenti:

1. Il-konvenuti nomine kif jidher a fol 24 tal-atti irtiraw l-ewwel eccezzjoni.

2. L-istess konvenuti nomine accettaw ir-responsabilta taghhom in rigward l-incident awtomobilistiku imsemmi fl-avviz u ammettiet it-tort taghha vis-à-vis l-istess incident (ara l-annes Dok A a fol 2 tal-atti).

3. F'din il-kawza il-kontenzjuz jirreferi biss ghal parti mid-danni konsegwenzjali. Difatti l-konvenuti nomine hallsu parti mid-danni u din il-kawza hi limitata ghall-kumplament tad-danni pretizi mill-attur nomine ossija l-flus li din nefqet ghall-kiri ta' van fil-perjodu meta dak involut f'dan l-incident ma setax jintuza stante li kien hemm 'part' essenzjali mhux disponibbli specifikatament il-'windscreen' miksur fl-istess incident.

4. In rigward dan il-punt, il-konvenuti nomine jirreferu ghas-'survey report' a fol 44 tal-atti fejn jinghad li l-'loss of use' kien jammonta biss ghal gurnata wahda ossija l-perjodu necessarju saibex jigi riparat l-istess van.

5. Pero l-agenti relattivi ma kellhomx 'windscreen' adattat u ma nstabx 'windscreen' 'seconda mano' (ara x-xhieda ta' Joseph Cutajar a fol 47 tal-atti).

6. L-assikurazzjoni tas-socjeta konvenuta rrifjutat li thallas l-ammont pretiz fl-avviz, korrettament Lm147, (ara Dok B a fol 38 ibid) ghar-raguni ippresentata a fol 51 tal-atti cioe '….. il-hsara kellha tissewwa f'inqas minn gurnata u mhux 20 gurnata ….', kif testwalment xehed John Formosa, direttur tal-istess assikurazzjoni.

7. Inrigward il-premess, jidher li hu fatt li s-socjeta attrici kellha <u>bzonn</u> li tikri van iehor stante li l-istess van kien bzonnjuz ghan-negozju taghha, tenut kont li dak involut f'dan l-incident ma setax jintuza minhabba li kellu l-'windscreen' miksur u dan ma setax jinbidel minnufih, ghar-raguni gja premessa.

8) Il-konvenuti nomine irrilevaw li meta s-socjeta attrici kienet irceviet 'cheque' akkumpanjat b''covering note' in rigward hlas ta' parts u hsarat, din kienet thallset 'a saldo' ta' kull pretenzjoni li seta kellha in konnessjoni ma dan l-incident. In rigward dan ghandu jigi ritenut li l-konvenuti nomine kienu obligati li, jipproducu xi prova jew provi minn fejn dan seta' jirrisulta <u>b'mod car u inekwivoku</u>. Filfatt tali prova jew provi ma gewx prodotti.

9) Fl-ahharnett, il-konvenuti nomine kienu ukoll obligati li jissottomettu xi prova li l-attur nomine ma imminimizzax id-danni billi jigi pruvat li dan seta jikri van alternattiv b'rata orhos.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi fid-dawl ta' dak kollu premess jidher li t-talba attrici hi gustikata taht l-artikolu 1045(1) tal-Kodici Civili, citat mill-abili Perit Legali fir-relazzjoni sottomessa minnu (a fol 68 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi ma ingiebet ebda hjiel ta' prova fil-konfront tal-konvenut kontumaci Carmel Scerri.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, filwaqt li tichad it-talba attrici fil-konfront ta' Carmel Scerri, tilqa l-istess talba attrici fil-konfront tal-konvenuti nomine u tikkundanna lill-istess konvenuti nomine sabiex jhallsu lill-attur nomine is-somma korretta ta' Lm147 bl-imghaxijiet legali mis-16 ta' Frar 1995 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittri interpellatorji tal-20 ta' Frar 1994, tas-16 ta' Gunju 1994, tal-1 ta' Lulju 1994 u tad-19 ta' Awissu 1994.

Alan Calleja
Dep.Reg